MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 217/2013

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

**Preambolu.**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici A B li permezz tieghu ppremetiet u talbet is-segwenti:-

1. Il-kontendenti kellhom relazzjoni u minn din ir-relazzjoni twieled tifel, Emerson fis-16 ta' Ottubru 2011 kif jirrizulta minn kopja tac-certifikat tat-twelid.

2. Meta l-minuri kellu tliet xhur, ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet intemmet u minn dak iz-zmien il-missier la qatt ra lit-tifel jew staqsa biex jarah u lanqas qatt ma ikkontribwixxa finanzjarjament ghat-trobbija tieghu.

3. Permezz ta' rikors generali datat 20 ta' Dicembru 2012, ir-rikorrenti omm talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tassenjalha l-kura u kustodja tat-tifel minuri Emerson. Ghalkemm dan ir-rikors, flimkien ma' atti ohra tar-rikorrenti gew debitament notifikati lill-intimat huwa

baqa' ma wegiebx u l-Qorti ordnat permezz ta' digriet tal-20 ta' Dicembru 2012 illi l-kura u kustodja tat-tifel minuri tigi fdata f'idejn ommu r-rikorrenti u li dan id-digriet jibqa' validu sa zmien sena. Il-Qorti dderigiet lir-rikorrenti tiftah proceduri ta' medjazzjoni u fin-nuqqas ta' ftehim tipprocedi skont il-ligi.

4. Ir-rikorrenti fethet proceduri ta' medjazzjoni permezz ta' ittra datata 18 ta' Gunju 2013 u ghalkemm gew appuntati zewg seduti l-intimat ma attendiex u ghalhekk kellha tinghalaq il-medjazzjoni u b'digriet tal-24 ta' Settembru 2013 il-Qorti awtorizzat lir-rikorrenti tipprocedi b'kawza u ghalhekk qed jigi pprezentat dan ir-rikors guramentat.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tassenja esklussivament il-kura u kustodja tal-minuri Emerson f'idejn ir-rikorrenti.

2. Tordna lill-intimat missier ihallas lir-rikorrenti omm manteniment ghall-minuri Emerson sakemm dan jaghlaq it-tmintax-il sena jew sakemm jaghlaq it-tlieta u ghoxrin sena jekk jibqa jistudja fuq bazi full-time;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li huwa mharrek minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ma pprezentax risposta guramentata u ghalhekk huwa kontumaci f'dawn il-proceduri.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkonsidrat.

**Provi**.

L-attrici xehdet bil-mezz tal-affidavit[1]. Spjegat illi hi u l-konvenut kienu bdew johorgu flimkien madwar hames snin ilu u xi sena u nofs wara harget tqila. Ma jirrizultax li din kienet tqala pjanata. Tghid hekk fl-affidavit taghha: "C ma kienx jahdem dak iz-zmien, izda kif ghidtlu li kont tqila beda jaghmel pjanijiet biex isib xi xoghol. Madanakollu kien jibda jahdem u wara ftit jieqaf. Biddel madwar tliet xogholijiet u mbaghad waqaf ghal kollox. Sirt naf wara li ma bqajniex nohorgu flimkien li fis-Sajf ta' meta kont tqila kien beda jaghmel id-dejn u jhawwad fil-flus. Fis-16 ta' Ottubru 2011 twieled Emerson B. Ftit wara li twieled it-tifel bdew icemplu hafna nies u anke jigu wara l-bieb jistaqsu ghal C u jitolbuh il-flus. Indunajt li kellu jaghti lil hafna nies minghajr qatt ma qalli xejn. Bdejt nisma wkoll u anke stajt nara mill-atteggjament tieghu illi C kien qed ihawwad ukoll fid-droga. Smajt ukoll li

[1] Fol. 17

qabel ma bdejna nohorgu flimkien kien spicca overdose tliet darbiet. Konna f'qaghda finanzjarja hazina hafna minhabba d-dejn u minhabba li C ma riedx jahdem. Kien jghidli li mhux isib xoghol u b'hekk kelli nohrog nahdem jien meta t-tifel kellu biss tliet xhur. Indunajt li C kien bniedem irresponsabbli hafna u li kellu hafna vizzji. Lit-tifel la qatt ha hsiebu hu u lanqas ma kien jixtrilu xejn. Kien jigdeb hafna u ma kontx nista' nafdah bl-ebda mod. Mohhu kien ikun qisu dejjem fl-ispazju u zgur ma stajtx nafda lit-tifel mieghu. Hu lanqas kien jinteressah it-trobbija ta' Emerson. Ghalhekk meta t-tifel kellu madwar hames xhur waqqaft ir-relazzjoni. Minn dakinhar huwa qatt ma ra jew staqsa ghat-tifel. Lanqas qatt baghat ebda flus jew xorta ohra ta' ghajnuna ghat-trobbija tat-tifel. Kien ghalhekk li kelli nibda dawn il-proceduri."

Mid-dokumenti li esebiet l-attrici jirrizulta illi hija tahdem u tircevi salarju nett ta' circa €900.00 fix-xahar inkluz 'performance commissions' oltre l-bonus statutorju.

L-attrici ddikjarat ukoll illi l-konvenut ilu ma jissoministra manteniment ghat-tifel ghal dawn l-ahhar sentejn.

L-attrici resqet bhala xhud rapprezentant mill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig.[2] Mid-dokumentazzjoni li pprezenta jirrizulta illi matul dawn l-ahhar snin bidel diversi impiegi. L-ahhar impieg gie terminat fl-4 ta' Frar 2014 meta kien ghadu taht 'probation'. Jirrizulta wkoll li l-konvenut qed jirregistra ghax-xoghol.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti.**

**Kontumacja.**

Appena huwa necessarju jinghad illi hi gurisprudenza kostanti illi l-kontumacja ta' konvenut f'kawza ma hiex ammissjoni izda kontestazzjoni u ghalhekk jibqa' l-oneru tal-attur f'kawza fejn il-konvenut huwa kontumaci li jressaq l-ahjar prova. Inghad illi: "Kontumacja tammonta ghal kontestazzjoni u mhux ghal semplici "walk-over" kif jippretendi l-appellant. Kif qalet l-Ewwel Qorti, l-ahjar prova trid issir dejjem." - (Appell – **Joseph Vella vs Pierre Cremona** - 10/10/2003). (Ara wkoll Appell - **Anthony Grech et vs Joseph Farrugia** - 17/02/2004).

Hemm rassenja interessanti dwar l-istitut tal-kontumacja fil-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "**Noel Calleja et. vs. Middlesea Valletta Life Assurance Co. Limited**" deciza fit-28 ta' Jannar 2005 fejn intqal u gie dikjarat illi :-

"Mal-milja taz-zmien anke l-legislatur hass il-bzonn li jintroduci emendi ghal dan l-istatut – hekk ara l-Att XXIV tal-1995 b'referenza ghall-Artikolu 158 tal-Kap. 12. Iz-zmien ghall-prezentata ta' nota ta' eccezzjonijiet gie estiz ghal ghoxrin jum u fil-kaz ta' kontumacja

[2] Fol. 72

nghatat anke l-possibilita` ta' prezentata ta' nota ta' osservazzjonijiet – in omagg tal-principju ribadit fil-gurisprudenza kostanti taghna li mqar jekk f'istat ta' kontumacja, il-parti mharrka kellha titqies bhala wahda li qeghda tirrimetti ruhha ghall-gustizzja tal-Qorti u b'ebda mod ma hi qed tammetti t-talba."

**Kura u Kustodja tal-Minuri**.

Mill-provi mhux kontradetti mressqa mill-attrici jirrizulta illi l-konvenut prattikament abbanduna lill-minuri minn eta' zghira hafna, meta kien ghad ghandu biss hames xhur. In-nuqqas tal-konvenut li jidher f'dawn il-proceduri huwa konferma ta' dan l-abbandun.

Ghalhekk fic-cirkostanzi it-talba tal-attrici li tinghata esklussivament il-kura u kustodja tal-minuri hija gustifikata.

**Manteniment ghall-Minuri**.

Dwar it-tieni talba attrici ghall-alimenti ghat-tifel minuri il-Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet.

Il-ligi timponi fuq iz-zewg genituri l-obbligu li jmantnu lil uliedhom tenut kont tal-htigijiet tal-minuri u l-mezzi rispettivi tal-genituri.

Mill-atti jirrizulta illi l-kwistjonijiet principali bejn il-partijiet jikkonfermaw il-manteniment pretiz mill-attrici fir-rigward taz-zewg ulied minuri.

**Artikolu 19 tal-Kap 16** jipprovdi illi**:-**

*(1) Fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni.*

*(2) Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra, jidħlu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom.*

**Artikolu 20.**

*(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.*

*(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort'oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl-eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.*

*(3) Meta jinqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħadd biss il-qligħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddieħor, u tal-utili tal-beni, sew mobbli kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.*

Hija l-fehma tal-Qorti illi in-nuqqas tal-konvenut qua missier minuri li jidher f'dawn il-proceduri ma jehilsux mill-obbligu li jmantni lil ibnu. L-atti tal-process juru d-diffikulta' li sabet l-attrici sabiex tinnotifika lill-konvenut bil-kawza tant li kellha tutilizza l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni ghall-finijiet ta' notifika. Ghalkemm ir-rapprezentant tal-E.T.C. xehed illi l-ahhar impieg tal-konvenut gie terminat fl-4 ta' Frar 2014, jirrizulta mid-dokumenti ezebiti mill-istess ufficjal tal-E.T.C. illi l-konvenut kapaci jahdem.

Fic-cirkostanzi, tenut kont tal-fatt li jirrizulta mill-atti li l-konvenut kapaci jahdem, il-Qorti ser tikkundanna lill-konvenut ihallas manteniment ghall-minuri b'rata mensili nominali ta' €100.00 fix-xahar.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi fil-kontumacja tal-konvenut:

1. Tilqa' l-ewwel talba, tassenja esklussivament il-kura u kustodja tal-minuri Emerson B imwieled fis-16 ta' Ottubru 2011 f'idejn ommu A B.

2. Tilqa' t-tieni talba, tikkundanna lill-konvenut C B ihallas lill-attrici A B s-somma ta' mitt ewro (€100) fix-xahar rapprezentanti manteniment ghall-minuri Emerson B b'effett mit-18 ta' Ottubru 2013 liema manteniment jizdied kull sena fl-anniversarju ta' din is-sentenza skont l-indici tal-gholi tal-hajja u jibqa' jithallas anke wara li l-minuri ssir maggorenni jekk jibqa' jistudja 'full-time' sakemm jaghlaq tlieta u ghoxrin sena.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------